SANNAT

Tkompliet il-laqgħa numru disgħa tas-seba' tal-leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| | |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Tkompli l-Komunikazzjoni mis-Sindku**

386 *(para. 274)* L-atttivita' għat-tfal li ser issir nhar is-Sibt, 26 ta' Diċembru 2009, biex jaraw film fis-Citadel Cinema, ser tkun għal dawk it-tfal li jattendu l-iskola mill-Kinder sal-Form 1. Wara ser jittieħdu jaraw l-għassa tal-pulizija tar-Rabat li għadha kif ġiet irranġata. Wara t-tfal jinġabu lura ta' Sannat fejn ser jingħataw il-*party bag* tal-ħelu. Għandhom isiru l-arranġamenti meħtieġa dwar it-transport.

387 *(para. 276)* Il-kunċert fil-knisja li kellu jsir fit-23 ta' Diċembru 2009 tħassar għaliex kien hemm xi diffikultajiet biex isir.

388 Il-ħarġa tal-Milied li ser issir fid-29 ta' Diċembru 2009 flok għall-anzjani biss ser issir tkun miftuħa għal kulħadd. Din ser tkun tikkonsisti f'quddiesa, jaraw il-presepji u wara jmorru jieklu fl-Odessey Restaurant, f'Marsalforn. Il-biljetti għal adulti ser ikun ta' €10 u tat-tfal €6, li jinkludi kollox. Għandhom isiru l-arranġamenti meħtieġa dwar it-transport

Item 2. Amministrazzjoni tal-Kunsill

389 Is-Sindku qal li qed ikollu diffikulta' biex jikkomunika mas-Segretarju Eżekuttiv għar-raġuni li waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju hu jkun xogħol Malta. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li hu ġa offra volontarjament li jidħol darba fost il-ġimgħa f'ġurnata fissha mit-Tnejn sal-Ġimgħa sa 7.00 ta' filgħaxija u jieħdu *time off in lieu*. Hu qal ukoll li ġa qed jiġi għal laqgħat tal-Kunsill u mhu qed jieħu xejn tiegħu. Dwar il-ġurnata għandhom jirranġaw is-Sindku u s-Segretarju.

SANNAT

**Item 3. Id-Dikjarazzjoni konġunta ta' Manuel Tabone u Joseph Bajada**

390 Rigward id-dikjarazzjoni konġunta li għamlu lill-Kunsilliera Manuel Tabone u Joseph Bajada, is-Sindku ser jirrispondi f'laqgħa oħra.

**Item 4. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

391 Ġew approvati l-pagamenti pendenti skond Skeda Nru. 4.

**Item 5. Mozzjonijiet**

Il-mozzjonijiet li kien hemm pendenti mill-laqgħa numru ħamsa li saret fis-26 ta' Awissu 2009 tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Mozzjoni (2) ta' Taddeo Bajada *(para. 135)*

392 Il-Kunsillier Manuel Tabone talab li l-Kunsill jiddeċiedi fuq il-mozzjoni tal-funtana. Il-Kunsillier Taddeo Bajada li kien ippropona din il-mozzjoni qal li fil-Balluta, Malta hemm funtana ta' l-istess tip ta' dik ta' Triq D. Cocco Palmeri u għandu r-riservi tiegħu fuq il-mozzjoni li kien għamel.

Mozzjoni (3) ta' Taddeo Bajada u sekondat mill-Viċi Sindku *(para. 136)*

393 Biex fi Triq 20 ta' Lulju tingħata wiċċ ġdid, kif ukoll isir dak l-*embellishment* neċessarju fl-istess triq bħal bini ta' ħitan tas-sejjieħ, bankina, bankijiet, tip ta' fanali u anke xi qsari/siġar fl-isqaq ta' madwar.

Il-Kunsill qabel li din it-triq tingħata wiċċ tarmak, isiru l-bankijiet u sid l-għalqa jiġi mitlub jibni l-ħajt tal-proprjeta' li għandu. Il-Kunsill Manuel Tabone ippropona li l-Kunsill jagħmel proġett kull sena.

394 Mozzjoni (4) ta' Teddeo Bajada u sekondat mis-Sindku *(para. 137)*

Biex f'Sqaq magħruf bħala Sqaq ta' Dun Anastas, liema sqaq jinsab fi stat xejn tajjeb, dan is-sqaq għandu wkoll jingħata attenzjoni meħtieġa u dan billi jingħata kisja concrete (stencil), tarmak jew materjal ieħor.

Il-Kunsill qabel li dan l-isqaq jingħata kisja konkrit hekk kif il-Kunsill ikollu l-finanzi sabiex dan ix-xogħol ikun jista' jsir. Il-Kunsill għandu jitkellem mal-perit dwar x'l-aħjar jsir. Issemmew il-ħitan tas-sejjieħ li hemm f'dan l-isqaq li huma proprjeta' tal-privat u li huma fi stat perikoluż.

395 Mozzjoni (5) ta’ Teddeo Bajada u sekondat mis-Sindku *(para. 138)*

Il-ħames suġġeriment tiegħi u dwar il-pjazza magħrufa tax-Xelina fejn hemm hekk, ukoll naħseb li għandu jsir studju dwar Traffic Management aħjar. Fl-istess pjazza qed nissuġġerixxi li hemm ukoll issir Bust ta’ Wenzu Debrincat, li ukoll kien membru Parlamentari, persuna oħra bħal Kelinu Galea li tant ħadem għall-ġid tar-raħal. Iva jien nemmen li dawn iż-żewġ persuni għandhom jingħataw dan ir-rikkonixxament billi jsiru dawn il-bustijiet, kif ukoll l-istess pjazza tingħata l-isem “Pjazza Wenzu Debrincat M.P.”

Il-Kunsill qabel li fil-Pjazza magħrufa bħala Tax-Xelina għandhom isiru d-*double yellow lines* u jsiru l-*parking lines* biex jiġu eliminati l-problemi ta’ periklu li hemm f’din il-pjazza. Il-Kunsill għandu jieħu parir mingħand l-awtorita’ kompetenti dwar din il-pjazza. Fl-istess waqt sar qbil ukoll li jerġa jsir id-*double line* li kien hemm fil-Pjazza Santa Margarita man-naħa tal-knisja faċċata tal-każin tal-futbol. Dawn is-sinjali kienu tneħħew għaliex dik il-parti kienet ingħatat kisja tarmak ġdida.

396 Mozzjoni (6) ta’ Taddeo Bajada u sekondat mis-Sindku

Għandha ssir verifika biex jiġi stabilit, jekk dik il-biċċa art li hemm mitluqa fi Triq il-Gruwa hijiex proprjeta’ tal-Gvern jew tal-privat, biex jekk jirriżulta li hija tal-Gvern, il-Kunsill jitlob lid-dipartiment konċernat biex jakkwistaha permezz ta’ devoluzzjoni minfejn hemm hekk jkun jkun jista’ jinbidel f’tip ta’ ġnien żgħir (ġnien bil-kaktus) u jitpoġġew il-bankijiet li hemm fl-istess triq, kif ukoll xi tip ta’ dawl dekorattiv.

Dwar din l-art ġie vverifikat mat-Taqsima Proprjeta’ tal-Gvern u kkonfermat li din hi proprjeta’ tal-Gvern. Is-Sindku semma li r-riħa tal-Kalkara tal-Ġir tista’ taffetwa lit-turisti li jiġu f’dak il-ġnien. Il-Kunsill qabel li jsir belveder żgħir fuq dik il-biċċa blat li hemm fi Triq il-Gruwa u tintalab id-devoluzzjoni tagħha. Il-perit għandu jagħmel pjanta biex issir l-applikazzjoni għand il-MEPA għall-permessi neċessarji.

Kien hemm numru ta’ mozzjonijiet oħra tal-Kunsillier Taddeo Bajada li ġa ġew attwati għalhekk ma hemmx għalfejn jitressqu.

**Item 6. Il-Proċess tal-impieg ta’ Skrivan Part Time**

397 Dwar il-proċess tal-impjegat Skrivan Part Time, is-Sindku ppropona li l-bord ikun kompost minnu, il-Kunsillier Manuel Tabone, il-Kunsillier Taddeo Bajada, Joe Cordina u xi ħadd ieħor li jkun mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jew l-ETC. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hu bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, skond il-liġi hu jkun membru *ex-ufficcio* tal-bord.

**Item 6. Materja Oħra**

398 Waqt li kienet qed tiġi diskussa l-mozzjoni numru (5) tqajjem il-punt dwar ir-reserved parking fil-lokalita’. Is-Segretarju pprreżenta ittra li waslet mingħand l-ADT dwar ir-*Reserved parking* personalizzati li hemm fis-Sannat. Dawn huma tlieta. F’din l-ittra l-Kunsill ġie mitlub jikkonferma li dawn ir-*reserved parkings* għadhom jintużaw. Ġie nnutat li dik ta’ Philip Galea

ta' Triq Dun Xand Aquilina ma għadiex teżisti għaliex kienet tneħħiet mill-Kunsill għar-raġuni li dan ma għadux joqgħod hemm. Tqajjem il-punt li fil-Pjazza Santa Margerita quddiem ta' Dun Lawrenz hemm *reserved parking* għad-*Disable*. Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika jekk din hix skond il-liġi jew le u jekk possibbli din tiġi mdawra biex jintrebaħ iktar spazju għal parking ta' karozza oħra.

399 Fi Triq Merziena fil-parti ta' bejn l-iskola primarja u l-ground tal-futbol ta' Sannat, il-kontravenzjonijiet qed joħorġu fuq isem il-Kunsill Lokali Munxar meta din il-parti tat-triq hi kompletament fil-konfini tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Għalhekk il-Kunsilll qabel unanimament li tinkiteb ittra lil *Joint Committee Law Enforcement* fejn jiġi mitlub jirranġa dan l-iżball. Kopja tal-ittra għandha tintbagħat lill-Kunsill Lokali tal-Munxar.

400 Is-Sindku ppropona li fejn hemm ħitan tas-sejjieħ privati li huma ta' perikolu għall-pubbliku jinbnew mill-Kunsill. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li dwar il-ħitan privati tal-għelieqi hemm proċedura ta' kif tiġi rranġata s-sitwazzjoni. Meta l-Kunsill jinduna bis-sitwazzjoni jew ikollu rapport f'dan is-sens u jiverifikah, għandu jinħareġ avviż lid-detentur li fih jiġi magħrraf bir-responsabilta' tiegħu kif imsemmi hawn fuq. Dan l-avviż għandu jiġi kkupjat lid-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq u fin-nuqqas ikunu jistgħu jittieħdu l-passi neċessarji skond kif stipulat fl-Artiklu 36 tal-liġijiet tal-Pulizija (kap. 10). Is-Sindku semma li fi Triq Saguna hemm ħajt tas-sejjieħ li hu mwaqqa' għat-triq. Il-Kunsill qabel s-sid ta' din il-plot jiġi nfurmat sabiex jirregolarizza ruħu billi jibni dak il-ħajt.

401 Waqt laqgħa għas-Sindki li saret dan l-aħħar, is-Supritendent tal-Pulizija wera x-xewqa li jiltaqa' mal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' miegħu u ser jitlob l-appoġġ tis-Supritindent sabiex il-Kunsill iżomm il-post fejn fil-preżent għandu l-uffiċċini tal-Kunsill.

402 Il-Kunsill qabel li jsiru numru ta' tabelli *No Parking* bħal dawk tal-pulizija għar-raġuni li l-pulizija mhux ser jisilfu t-tabelli tagħhom lill-Kunsilli Lokali.

403 Dwar il-fanali tal-pjazza, il-kuntrattur qed jgħid li s-salvavita qed taqa' għaliex qed jidħol l-ilma x'imkien fis-sistema.

404 Rigward il-*filing cabinets* intgħażlet dik tal-Office Club li kienet l-irħas waħda.

**Item 7. Ilmenti**

405 Raymond Azzopardi ta' Triq ġdida fi Triq Dun Luqa fil-parti li kienet ingħatat it-tarmak talab biex issiru l-kurduni quddiem il-garaxx tiegħu ħalli ma jidħolx ilma tax-xita kif fil-fatt qed jiġri fil-preżent. Il-Kunsill qabel li ssir din il-kurduna.

406 Ġie nnutat li fi Triq Skerla fejn ta' Ċenċ Mansions hemm bżonn tal-manutenzjoni tat-triq għaliex hemm xi ħofor fondi. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu rranġati permezz tal-*cold asphalt*.

407 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-pjazza ta' Triq Cocco Palmeri hemm ħafna wires imdendlin u qed ikerħu l-ambjent. Sar suġġeriment li jsiru erba' fanali f'din il-pjazza.

Il-laqgħa spiċċat fil-9.40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-13 ta' Jannar 2010 fis-7.00 ta' filgħaxija.



Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

Arthur Bajada

Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella

Sindku